Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna fr ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

il-Franċiż

Swipe to change

**Medjazzjoni fil-pajjiżi tal-UE**

Franza

Minflok tmur il-qorti, għaliex ma tippruvax issolvi t-tilwima tiegħek permezz tal-medjazzjoni? Din hija forma ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim (ADR), fejn medjatur jgħin lil dawk involuti f'tilwima biex jilħqu ftehim. Fi Franza, il-gvern u l-professjonisti legali huma konxji tal-vantaġġi tal-medjazzjoni, u l-leġiżlatura tħeġġeġ bil-qawwa l-użu tagħha.

Ma hemm l-ebda traduzzjoni uffiċjali tal-verżjoni tal-lingwa li qed tara.

Hawnhekk tista' tara verżjoni tradotta awtomatikament ta' dan il-kontenut. Jekk jogħġbok innota li din hi pprovduta biss għal finijiet kuntestwali. Is-sid ta' din il-paġna ma jaċċetta ebda responsabbiltà jew obbligazzjoni fir-rigward tal-kwalità ta' dan it-test tradott b'mod awtomatiku.

-----il-Malti-----il-Bulgarul-Ispanjoliċ-Ċekid-Daniżil-Ġermaniżl-Estonjanil-Griegl-IngliżKroatit-Taljanil-Latvjanil-Litwanl-Ungeriżl-Olandiżil-Pollakkil-Portugiżir-Rumenis-Slovakkis-Slovenil-Finlandiżl-Isvediż

**Lil min tista' tikkuntattja?**

Fi Franza, ma hemm l-ebda awtorità ċentrali jew governattiva responsabbli biex tirregola l-professjoni ta' medjatur.

Ma hemm l-ebda sit web uffiċjali nazzjonali relatat mal-medjazzjoni. Madankollu, hemm taqsima dwar il-medjazzjoni fuq https://www.justice.fr/régler-litiges-autrement/médiation, u din tinżamm aġġornata.

Kull qorti tal-appell (*cour d'appel*) tippubblika listi ta' medjaturi fi kwistjonijiet ċivili, soċjali u kummerċjali. Dawn il-listi ġew stabbiliti bl-Artikolu 8 tal-Liġi Nru 2016-1547 tat-18 ta' Novembru 2016 dwar il-modernizzazzjoni tas-sistema tal-ġustizzja tas-seklu 21. Filwaqt li l-iskop ewlieni tagħhom huwa li jinfurmaw lill-imħallfin, jistgħu wkoll jiġu kondiviżi mal-litiganti bi kwalunkwe mezz. B'mod partikolari, huma disponibbli fuq is-siti web tal-qrati tal-appell rilevanti.

**F'liema qasam huwa ammissibbli/l-aktar komuni l-użu tal-medjazzjoni?**

Il-partijiet jistgħu jirreferu kwistjoni għall-medjazzjoni fi kwalunkwe ħin u fi kwalunkwe qasam tal-liġi, ħlief għal dawk l-oqsma li jaqgħu taħt ir-regoli tal-politika pubblika li jirregolaw l-imġiba soċjali u ekonomika (*ordre public de direction*). Pereżempju, il-medjazzjoni ma tistax tintuża biex tevita r-regoli mandatorji dwar iż-żwieġ jew id-divorzju.

Il-medjazzjoni tintuża ħafna drabi biex issolvi:

tilwim bejn il-ġirien;

problemi fl-irkupru ta' dejn;

tilwim bejn sidien u kerrejja;

tilwim bejn il-konjuġi rigward id-dritt ta' aċċess għat-tfal.

**X'inhuma r-regoli?**

**Rikors għall-medjazzjoni**

Il-Liġi Nru 95-125 tat-8 ta' Frar 1995 dwar l-organizzazzjoni tal-qrati u l-proċedura ċivili, kriminali u amministrattiva introduċiet il-medjazzjoni ċivili fil-liġi Franċiża.

L-Ordni (*ordonnance*) Nru 2011-1540 tas-16 ta' Novembru 2011 ittrasponiet id-Direttiva tal-UE 2008/52/KE fil-liġi Franċiża. Id-Direttiva tistabbilixxi qafas maħsub biex jiffaċilita s-soluzzjoni bonarja tat-tilwim mill-partijiet, bl-għajnuna ta' terza persuna, il-medjatur. L-Ordni wessgħet l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fid-Direttiva biex ikopri mhux biss il-medjazzjoni transfruntiera iżda wkoll il-medjazzjoni mingħajr element transfruntier, bl-eċċezzjoni ta' tilwim relatat ma' kuntratt ta' impjieg jew li jinvolvi liġi amministrattiva fi ħdan il-poter sovran tal-Istat (*droit administratif régalien*).

Din l-Ordni tas-16 ta' Novembru 2011 emendat ukoll l-Att (*loi*) tat-8 ta' Frar 1995 sabiex tistabbilixxi qafas ġenerali għall-medjazzjoni. Hija ddefinixxiet il-kunċett ta' medjazzjoni, iddeskriviet il-kundizzjonijiet li l-medjatur irid jissodisfa, u kkonfermat il-prinċipju ta' kunfidenzjalità, li huwa vitali għas-suċċess tal-proċess ta' medjazzjoni.

**Medjazzjoni bi ftehim:**

Il-partijiet jistgħu jiddeċiedu li jikkonsultaw medjatur minn jeddhom. Huma ma għandhomx għalfejn imorru l-qorti biex jagħmlu dan.

Madankollu, partijiet li jkunu ressqu t-tilwima tagħhom il-qorti xorta għandhom l-għażla li jaċċessaw forma ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim, bħall-medjazzjoni.

**Medjazzjoni ordnata mill-qorti:**

Jekk ikunu tressqu proċedimenti l-qorti, "il-qorti li tisma' t-tilwima tista', bil-kunsens tal-partijiet, taħtar terza persuna biex taċċerta l-pożizzjonijiet tal-partijiet u biex tqabbel u tikkuntrasta l-opinjonijiet tagħhom bl-għan li tippermettilhom isibu soluzzjoni għat-tilwima" (l-Artikolu 131-1 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Fi kwistjonijiet tal-familja, fl-oqsma speċifiċi tal-eżerċizzju tal-awtorità tal-ġenituri jew miżuri *interim* f'każijiet ta' divorzju, il-qorti tista' wkoll tidderieġi lill-partijiet biex jattendu laqgħa ta' informazzjoni dwar il-medjazzjoni, li hija bla ħlas, u li ma tista' tagħti lok għal ebda piena (l-Artikoli 255 u 373-2-10 tal-Kodiċi Ċivili).

Il-Liġi Nru 2019-222 tat-23 ta' Marzu 2019 dwar l-ipprogrammar għall-2018-2022 u r-riforma tas-sistema tal-ġustizzja introduċew medjazzjoni wara deċiżjoni fl-Artikolu 373-2-10 tal-Kodiċi Ċivili:

"Jekk il-partijiet ma jaqblux, il-qorti għandha tagħmel ħilitha biex tirrikonċiljahom.

Biex tgħin lill-ġenituri jaqblu dwar l-eżerċizzju tal-awtorità tal-ġenituri, il-qorti tista' tissuġġerixxi li dawn jidħlu f'medjazzjoni, sakemm ma jkunx hemm allegazzjonijiet li ġenitur wieħed iġib ruħu b'mod vjolenti lejn il-ġenitur l-ieħor jew lejn il-minorenni. Jekk il-ġenituri jaqblu mal-medjazzjoni, il-qorti tista' taħtar medjatur tal-familja għal dan l-għan, inkluż fid-deċiżjoni finali dwar kif l-awtorità tal-ġenituri għandha tiġi eżerċitata.

Sakemm ma jkunx hemm allegazzjonijiet li ġenitur wieħed ikun ġab ruħu b'mod vjolenti fil-konfront tal-ġenitur l-ieħor jew tal-minorenni, il-qorti tista' anki tidderieġi lill-ġenituri biex jiltaqgħu ma' medjatur tal-familja li jinfurmahom bl-iskop u d-direzzjoni tal-miżura ta' medjazzjoni."

**Medjazzjoni obbligatorja**

Żviluppi leġiżlattivi reċenti għamluha obbligatorja, taħt il-liġi Franċiża, li tintuża l-medjazzjoni f'ċerti ċirkostanzi.

L-Artikolu 7 tal-Liġi Nru 2016-1547 tat-18 ta' Novembru 2016 dwar il-modernizzazzjoni tas-sistema tal-ġustizzja tas-seklu 21 introduċa, fuq bażi sperimentali, rekwiżit biex wieħed jipprova l-medjazzjoni qabel rinviju lill-qorti fi 11-il qorti. L-esperiment kien inizjalment skedat li jikkonkludi fi tmiem l-2019, iżda ġie estiż sal-31 ta' Diċembru 2020.
Kull min jixtieq jemenda deċiżjoni tal-qorti tal-familja jew dispożizzjoni ta' ftehim approvat mill-qorti għandu jipprova medjazzjoni tal-familja qabel ma jirrinvija l-kwistjoni lura lill-qorti. Jekk dan ma jsirx, ir-rikors għal emenda tkun inammissibbli.
Dan japplika għal rikorsi li jikkonċernaw:
il-post tar-residenza abitwali tat-tifel/tifla;
id-drittijiet ta' żjara u d-dritt li l-minorenni joqgħod f'dar il-ġenitur;
il-kontribuzzjoni ta' ġenitur għall-edukazzjoni u l-manteniment tal-minorenni; u
d-deċiżjonijiet relatati mal-eżerċizzju tal-awtorità tal-ġenituri.
Ma huwiex obbligatorju li wieħed jipprova l-medjazzjoni tal-familja qabel ma jerġa' lura l-qorti jekk:
ġenitur wieħed ikun ġab ruħu b'mod vjolenti lejn il-ġenitur l-ieħor jew lejn il-minorenni;
ir-rikors jitlob li l-qorti tapprova ftehim magħmul bejn il-partijiet; jew
fil-fehma tal-qorti, ikun hemm raġuni leġittima oħra biex il-partijiet ma jintalbux jippruvaw medjazzjoni qabel ma jirritornaw il-qorti.
Il-Liġi Nru 2019-222 tat-23 ta' Marzu 2019 dwar l-ipprogrammar għall-2018-2022 u r-riforma tas-sistema tal-ġustizzja għamluha obbligatorja li wieħed juża forma ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim, bħall-medjazzjoni, għal rikorsi relatati mal-ħlas ta' somma li ma taqbiżx EUR 5 000 jew għal tilwima bejn il-ġirien. Qabel ma tali rikorsi jistgħu jiġu rrinvjati lill-qorti, il-partijiet iridu, fid-diskrezzjoni tagħhom, jgħaddu minn tentattiv ta' konċiljazzjoni mmexxi minn konċiljatur legali (*conciliateur de justice*), tentattiv ta' medjazzjoni jew tentattiv ta' proċedura parteċipattiva (*procédure participative*). Jekk ma jagħmlux dan, il-qorti tista' tiddeċiedi *ex officio* li r-rikors ikun inammissibbli. Madankollu, il-liġi tipprevedi erba' eċċezzjonijiet:
jekk mill-inqas waħda mill-partijiet qed titlob li l-qorti tapprova ftehim;
jekk irid jitressaq appell quddiem il-korp li jkun ħareġ id-deċiżjoni qabel rinviju lil qorti;
jekk wieħed mill-mezzi ta' soluzzjoni bonarja għat-tilwim imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma jkunx disponibbli għal raġuni leġittima, partikolarment jekk il-konċiljaturi legali ma jkunux disponibbli fi żmien raġonevoli; jew
jekk ikun hemm dispożizzjoni speċifika li tirrikjedi li l-qorti jew l-awtorità amministrattiva tagħmel tentattiv minn qabel ta' konċiljazzjoni.

## Ir-regoli li jirregolaw il-medjazzjoni

Ma hemm l-ebda kodiċi etiku nazzjonali għall-medjaturi.
Xi medjaturi huma ggwidati mill-kodiċijiet etiċi jew karti adottati minn assoċjazzjonijiet jew federazzjonijiet, kemm jekk jissottoskrivu direttament huma stess jew permezz tal-korp li jimpjegahom.
Servizzi ta' medjazzjoni familjari akkreditati – jiġifieri servizzi li jirċievu finanzjament pubbliku mill-Fond ta' Allowance għall-Familji (*Caisse d'allocations familiales*), il-Fond Agrikolu ta' Benefiċċju Reċiproku (*Mutualité sociale agricole*) u l-Ministeru għall-Ġustizzja – jimpenjaw ruħhom li jikkonformaw ma' ċerti standards relatati mal-provvista u l-kwalità ta' dawn is-servizzi; dawn l-istandards huma stabbiliti f'qafas ta' referenza nazzjonali.
Fl-aħħar nett, id-Digriet (*décret*) Nru 2017-1457 tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar il-listi ta' medjaturi fil-qrati tal-appell stabbilixxa kundizzjonijiet għall-inklużjoni f'din il-lista. Dawn il-kundizzjonijiet jistipulaw li l-medjaturi:
ma għandu jkollhom l-ebda kundanna, dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' idoneità jew skwalifika elenkati fil-Bullettin Nru 2 tar-rekord kriminali tagħhom;
ma jkunu wettqu l-ebda att kontra l-unur, l-onestà u l-moralità li ta lok għal sanzjoni dixxiplinarja jew amministrattiva li tieħu l-forma ta' tneħħija, sospensjoni, terminazzjoni, irtirar ta' approvazzjoni jew irtirar ta' awtorizzazzjoni;
ikollhom taħriġ jew esperjenza li juru l-abbiltà tagħhom li jipprattikaw il-medjazzjoni; dan ir-rekwiżit japplika kemm għal individwi kif ukoll għal entitajiet legali – kull individwu li jappartjeni għall-entità legali u jipprovdi servizzi ta' medjazzjoni jrid jissodisfa l-kundizzjonijiet li japplikaw għall-individwi.

## Informazzjoni u taħriġ

Fil-preżent, il-leġiżlazzjoni Franċiża ma tipprevedi ebda taħriġ speċifiku fil-medjazzjoni.
Diploma ta' medjatur tal-familja mill-Istat (*diplôme d'Etat de médiateur familial*, DEMF) ġiet introdotta għall-medjaturi tal-familja permezz ta' digriet tat-2 ta' Diċembru 2003 u ordni ministerjali (*arrêté*) tat-12 ta' Frar 2004.
Il-medjaturi tal-familja ma humiex meħtieġa li jkollhom din id-diploma sabiex jipprattikaw, sakemm ma jkunux jixtiequ jipprovdu servizzi ta' medjazzjoni tal-familja akkreditati, f'liema każ hija obbligatorja.

## Kemm tiswa l-medjazzjoni?

Meta l-partijiet jirrikorru għall-medjazzjoni bħala metodu alternattiv biex isolvu t-tilwim, kemm jekk fi proċedimenti tal-qorti jew barra mill-qorti, għandhom jitħallsu t-tariffi.
It-tariffi tal-medjaturi jistgħu jkunu koperti bl-għajnuna legali, kif previst fl-Artikoli 118-9 *et seq.* tad-Digriet Nru 91-1266 tad-19 ta' Diċembru 1991. Madankollu, dawn it-tariffi ma jistgħux jaqbżu EUR 256 għal parti waħda jew EUR 512 għall-partijiet kollha.
Għal medjazzjoni ordnata mill-qorti, dawn jiġu ddeterminati mill-maġistrat li jivvaluta l-ispejjeż legali (*magistrat taxateur*) malli jitlesta x-xogħol tal-medjatur, fuq preżentazzjoni ta' rapport jew dikjarazzjoni ta' spejjeż (l-Artikolu 119 tad-Digriet Nru 91-1266 tad-19 ta' Diċembru 1991). Il-maġistrat li jivvaluta l-ispejjeż legali jiffissa l-ammont tad-depożitu u r-remunerazzjoni (l-Artikoli 131-6 u 131-13 tal-Kodiċi Ċivili tal-Proċedura). Il-leġiżlazzjoni ma tistabbilixxi l-ebda skala preċiża ta' remunerazzjoni, u l-ispiża unitarja għall-forniment ta' servizzi ta' medjazzjoni tal-familja għalhekk tvarja.
Servizzi ta' medjazzjoni ffinanzjati pubblikament jintrabtu li japplikaw skala nazzjonali għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-familji għall-ispiża. Is-sehem finanzjarju li għandu jitħallas minn kull parti għal kull laqgħa ta' medjazzjoni jvarja minn EUR 2 sa EUR 131, skont id-dħul tal-partijiet.

## Huwa possibbli li ftehim medjat isir eżegwibbli?

Meta l-partijiet jilħqu ftehim, dan ikun vinkolanti għalihom, bħal ma jiġri f'kull kuntratt.
Meta l-ftehim jintlaħaq barra mill-proċedimenti fil-qorti, l-Artikolu 1565 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi li jista' jiġi sottomess lill-qorti li jkollha ġuriżdizzjoni fit-tilwima, bl-għan li jsir eżegwibbli.
Fejn ikunu nbdew proċedimenti tal-qorti, l-Artikolu 131-12 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi li b'rikors mill-partijiet, il-qorti li tkun qed tisma' l-kawża tista' tapprova ftehim li l-partijiet iressqu quddiemha.
L-Artikolu L111-3 1° tal-Kodiċi tal-Proċedura ta' Eżekuzzjoni Ċivili (*Code des procédures civiles d'exécution*) jipprovdi li ftehimiet konklużi wara medjazzjoni ordnata mill-qorti jew medjazzjoni barra mill-qorti li jsiru eżegwibbli mill-qrati ordinarji jew mill-qrati amministrattivi huma dokumenti eżegwibbli.

L-aħħar aġġornament: 17/01/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.